**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 172/2022 JPG**
**Kawza Numru : 29**

**PG**
**u**
**Dr Rodianne Sciberras Id. 376688M bhala mandatarja ta' MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 30 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi Dr Rodianne Sciberras hija l-mandatarja ta' MS u dan skont il-prokura hawn annessa u mmarkata Dok A;*

2. *Illi r-rikorrent PG u MS izzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin t'Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (25/08/2017) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg taghhom (Dok B); mil-liema zwieg ma twieldux tfal;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Maria Roberta Galea Mamo nhar it-tnax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (12/01/2022) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok C);*

4. *Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi bhala stat ta' fatt huma ilhom jghixu hajja separata de facto sa minn Settembru tas-sena elefejn u wiehed ghoxrin (2021) u dan kif jirrizulta wkoll minn klawsola numru wiehed tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, kif ukoll mill-affidavits hawn annessi u mmarkati Dok D u E rispettivament;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;*

*U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MS, nee' Stan xehdet** (vide affidavit a fol 1) illi l-partijiet zzewgu nhar il-25 ta' Awwissu 2017 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt nhar it-12 ta' Jannar 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Galea Mamo. Di piu' l-kontendenti ilhom jghixu separatament sa minn Settembru 2021. Iddikjarat illi mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illum, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal tali rikonciljazzjoni. Ikkonferma di piu', li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**PG xehed** (vide affidavit fol 16) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena***

***mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar il-25 ta' Awwissu 2017, liema zwieg igib c-certifikat numru 2655/2017 (Vide Dok B, certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar id-it-12 ta' Jannar 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Maria Roberta Gala Mamo (Vide Dok C, fol 5 et seqq). Di piu' jirrizulta li l-kontendenti ilhom jghixu separatament sa minn Settembru 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2655/2017 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**